MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 225/2006

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' Mejju 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 225/06ISB**

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Rita Camilleri (I.D. 193070 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Marzu 2006, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' hames mija u sebgha u erbghin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm547.25), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-korporazzjoni attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-26 ta' April 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-korporazzjoni attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' hames mija u sebgha u erbghin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm547.25), bl-imghaxijiet legali u bl- ispejjez ta' dina l-istanza li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------